MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2007

Numru 874/2006

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kevin J Farrugia)**

**versus**

**Carmelo sive Charles Tanti.**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra CArmelo sive Charles Tanti ta' 57 sena imwieled ir-Rabat Malta nhar il-15 ta' Awwissu 1949 bin il-mejjet Paul u Mary xebba Camilleri u residenti numru 37 Clover Triq il-Bilbla Mosta detentur ta' karta ta' identita' numru 662249(M)

Akkużat talli nhar is-16 t'Awwissu 2006 għall-ħabta tal-11.00 a.m. waqt li kien qed isuq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni LCH 064 ta' l-għamla Peugeot fi Triq Santa Liena Birkirkara u inħawi oħra tal-Gżejjer Maltin

Xehdet ukoll Dr.Mary Cassar li eżaminat lill-vittma fis-16 t'Awwissu 2006 f'11.45 am. It-Tabiba xehdet li l-feriti li kellha l-vittma kienu fuq is-sieq tal-lemin fejn il-ġilda kienet imċarrta minn fuq is-sieq u din kienet testendi minn taħt l-irkobba għal fuq il-qasba tas-ieq u ddur għal wara l-pexxul. Kienu naddfulha l-ferita u raqqawha. Il-ferita riedet aktar attenzjoni 'l quddiem u xi interventi wkoll iżda dan apparentement ma sarx għaliex il-vittma kienet turista.

**Xhieda Difiża**

L-imputat xehed li huwa kien qed isuq bil-mod – kemm kemm jiċċaqlaq - wara karozza oħra u ħin minnhom mara qaltlu biex jieqaf u huwa waqqaf il-karozza. Stenna lill-Pulizija li ħa sketch u informa lill-imputat li ma kienx hemm dmija mal-karozza. Lill-mara li kien laqat raha fil-Qorti biss. It-triq kienet miftuħa għall-vetturi u n-nies kienu mexjin fuq kull naħa. Ma kienx hemm breakmarks.

Xehdet imbagħad il-mara ta' l-imputat Joan Tanti li kienet passiġġiera ma' l-imputat dak in-nhar ta' l-inċident. Hija xehdet li kien hemm serbut sħiħ tal-karozzi u bdew mexjin bil-mod. Meta mexa s-sewwieq ta' quddiemhom, ir-raġel mexxa warajh. F'daqqa waħda semgħet mara tgħidilhom jieqfu għaliex kien hemm mara li nqabdet mal-karozza. Ix-xhud ma kienet rat xejn. Ix-xhud niżlet u rat lill-mara milquta fuq banketta u saqajha 'l fuq. Kellha l-ġilda mqaxxra u x-xhud offrietilha li jtelleguha fil-karozza iżda l-mara milquta rrifjutat. Lill-mara ma kinitx ratha min-naħa ta' quddiem u fil-fatt xehdet:

'No, minn wara ġiet u mkaħħla mal-karozza eżatt.'

Dwar is-serbut ta' karozzi x-xhud qalet li kien hemm xi tliet karozzi quddiemhom u xi għaxra oħra warajhom. Huma kienu mexjion bil-mod ħafna.

**Trattazzjoni**

Fit-trattazzjoni, l-Prosekuzjoni straħet fuq il-provi waqt li d-difiża emfassizzat li l-imputat bl-ebda mod ma kien traskurat jew negliġenti fis-sewqan tiegħu. Kien on the proper side of the road. L-Avukat Difensur ma eskludiex li l-allegata vittma daħlet jew żelqet fil-karozza. Mill-fatti jirriżulta li din sabet ruħha mal-ġenb tal-karozza imma mhux in-naħa ta' quddiem fejn ix-xufier ikun jista' jara x'qed jiġri. Hawnhekk il-pedestrian ried joqgħod aktar attent.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

L-ewwelnett miċ-ċertifikat prodott a fol.15 jirriżulta li l-vittma kienet allegatament milquta minn karozza u n-natura tal-ferita hija deskritta bħala gravi. Il-ferita kienet 'severe degloving injury of shin of right leg below the knee.' Dan iċ-ċertifikat kien ikkonfermat a fol.56 mit-Tabib li għamlitu.

Skond ixhud Dr.Mary Rose Cassar li eżaminat lill-vittma, l-ferita kienet tikkonsisti f'tiċrita tal-ġilda minn fuq is-sieq tal-lemin minn taħt l-irkoppa għal fuq il-qasba tas-sieq u ddur għal wara tal-pexxul. Din kienet estensiva. Huma kienu naddfuha u ppruvaw iraqquha. Il-ferita tinħtieġ li wieħed jaraha minn żmien għal żmien kif ukoll xi intervenzjonijiet.

L-Avukat Ġenerali fin-Nota tiegħu tat-30 ta' Novembru 2006 ta bħala wieħed mill-artikoli ta' akkuża l-artikolu 328.

Dan jiddisponi hekk:

'328. Kull min b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna ħruq, jew jagħmel xi ħsara jew jgħarraq xi ħaġa kif imsemmi f'dan is-subtitolu, jeħel, meta jinstab ħati:

(a) omissis

(b) jekk minħabba f'hekk xi ħadd ibati offiża gravi fuq il-persuna, lit kun iġġib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu

**218**, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux iżjed minn elf lira;

(ċ) jekk minħabba f'hekk xi ħadd ibati offiża gravi mingħajr il-konsegwenzi hawn fuq imsemmija, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur jew multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira;

(d) f'kull każ ieħor, il-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur jew il-multa jew il-pieni tal-kontravenzjonijiet.

Dan is-subtitolu huwa ntitolat: **'Fuq id-delitti kontra s-sigurta' pubblika u fuq il-ħsarat fil-propjeta'.**

L-ewwel punt li qed tikkonsidra l-Qorti huwa dwar jekk il-ferita kenitx gravi u permanenti (jew aktarx permanenti).

Dwar il-ferita li sofriet il-vittma – tiċrita fil-ġilda – il-Prosekuzzjoni trid tipprova li din kienet (a) gravi u li (b) tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti ta' l-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ. Barra dan, dawn il-feriti kollha jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk.

**Waqt li l-ferita li sofriet il-vittma tista' titqies bħala gravi imkien** mill-atti ma jirriżulta li kien ippruvat li l-ferita li sofriet il-vittma x'aktarx ikunu permanenti.

Għalhekk il-Qorti qed teskludi s-subinċiż (b) waqt li għall-mument qed tgħid li japplika l-artikolu 328(ċ).

It-tieni punt li qed tikkonsidra l-Qorti huwa dwar jekk l-imputat saqx b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti.

Effettivament dejjem ġie ritenut mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali li l-kwistjoni jekk sewqan hux negliġenti, bla kont, jew perikoluż hi kwistjoni ta' 'degree' u. kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' tagħhom. Ġie wkoll

ritenut li biex jintegra ruħu r-reat ta' sewqan perikoluż hemm bżonn ta' ċertu grad ta' recklessness. Recklessness ġiet definite bħala 'wilfully shutting one's eye.' Invece, sewqan negliġenti jew traksurat ifisser nuqqa ta' prudenza ordinarja li wied għandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali.' (Ara: Appelli Kriminali; Ir-Raba' Parti Volum: LXXXVII Part IV 2003 paġina 271 3 t'April 2003 Imħallef l-Onor.Dr.Joseph Galea Debono 'Il-Pulizija versus Kevin Caruana.'

Minn dak li semgħet il-Qorti ma jirriżultax li l-imputat saq b'mod negliġenti, perikoluż, b'nuqqas ta' ħsieb jew nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti. Mix-xhieda prodotti l-aktar li hemm fatti huwa f'dak li qalet Sina Mallia. Il-vittma stess mill-ewwel xehdet : 'I don't know very much I am afraid.' Graham Martin Baker kien fuq quddiem u sema' n-nies jgħajtu. Il-Qorti ma tistax ma tinnutax fix-xhieda ta' Sina Mallia, li rat l-inċident, kliem bħal 'Jien naħseb' u 'Għandi nifhem' meta x-xhud għandu jgħid x'ra jew x'sema' u mhux x'jaħseb. L-istess xhud imkien ma qalet li l-imputat kien miexi b'xi speed eċċessiv jew li dan kien l-uniku xufier li saq minn fejn kien armat is-suq għaliex qalet li kienu għaddejjin karozzi oħrajn. L-istess xhud qalet : 'Hu forsi jista' jkun ma rahiex min-naħa l-oħra' u li semgħet lil mara tax-xufier tgħidlu li kien laqat lil xi persuna.

Il-Qorti wkoll semgħet kemm lix-xufier u kemm lill-mara tiegħu jixhdu. Minn dak li xehdu jirriżulta ċar li l-imputat kien qed isuq bil-mod għaliex dan ma kienx waħdu fit-triq tal-karreġġjata. Ma jirriżultax li kien traskurat, negliġenti jew perikoluż. Tassew li l-ispeed jista' jkun eċċessiv 'anki jekk ma jiskorrix il-limiti regolarmentari iżda jiskorri dawk dettati mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument.' (ara; ibidem: paġina 273).

Iżda f'dan il-każ il-Qorti m'għandha ebda prova quddiemha li l-imputat ma kienx prudenti. Jidher li minħabba l-parking, tnaqqas l-ispazju għal dawk li kienu qed iżuru s-suq. Hawnhekk min kien qed isuq ried joqgħod aktar attent minħabba ċ-ċirkostanzi li setgħu nħolqu iżda l-imputat ftit x'kellu jagħmel ħlief isuq bil-mod kemm jista' jkun u jżomm 'a proper look out.' Il-fatt li seħħ

l-inċident ma jfissirx li awtomatikament l-imputat ma kienx qed iżomm 'a proper look out' multo magis meta jidher li jekk il-vittma ntlaqtet min-naħa tax-xellug - il-blind side ta' l-imputat.

Fl-aħħarnett il-Qorti qieset ukoll dak li qalet il-vittma – jiġifieri li l-imputat ipprova jevita l-karozza pparkjata u b'hekk laqat lill-vittma. Minn dan il-Qorti ma tikkonkludix li l-imputat kien negliġenti jew li kien aktar moħħu fil-karozza bajda milli min-nies. Jidher mir-rapport li ppreżentaw il-Pulizija li l-vittma setgħet ħarġet **f'daqqa** minn wara stall. Tassew li din hija l-verżjoni tax-xufier iżda l-Qorti tħoss li għandha tqisha wkoll bħala element li jqanqal dubju serju dwar kemm kien jaħti l-imputat.

Għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni ( li tidher li hija redatta aktar fit-termini ta' l-artikolu 226) kif ukoll minn kull ħtija taħt l-artikolu 328.

Qed tilliberah ukoll minn kull ħtija taħt l-artikolu 533 minħabba li ma tqabbdu ebda esperti matul il-proċeduri.

L-Avukat Ġenerali ta' artikolu ieħor: 15(1)(a)(2) tal-Kap 65 li jipprovdi dwar is-sewqan bla kont, negliġenti u perikoluż. Dawn huma l-istess termini li eżaminat il-Qorti fil-paragrafi preċedenti u jsegwi li jekk l-imputat ma nstabx ħati taħt l-artikolu 328, lanqas m'għandu jinstab ħati taħt is-subinċiż 15(1)(a) tal-Kap 65.

Isegwi li s-subinċiż (2) ta' l-istess artikolu mhux ser jiġi applikat mill-Qorti.

Għaldaqtant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 328 u 533 tal-Kap 9 kif ukoll l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap 65 qed tillibera lill-imputat miż-żewġ imputazzjonijiet dedotti kontrih u minn kull ħtija skond l-artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------